MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 9/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Allan Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar żewġ appelli minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2013 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. Kemm l-akkużat kif ukoll l-Avukat Ġenerali appellaw minn dik id-deċiżjoni b'rikorsi separati intavolati fid-9 ta' Ottubru 2013.

**2.** Allan Galea kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fil-15 ta' Marzu 2013 (nru 9/2013) li: (1) kkommetta omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; (2) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu; (3) ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

**3.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet in parti l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u minflok tannulla t-Tieni Kap ta' l-Akkuża u f'dik il-parti fejn ma laqgħetx l-aħħar parti tat-tieni eċċezzjoni u minflok tilqagħha mingħajr riżervi, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**4.** Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat korrezzjoni fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża jew it-tħassir tagħha fid-dawl ta' dak dispost fit-Tielet Kap; (b) tħassarha fejn limitatament laqgħet it-tieni eċċezzjoni mqajma mid-difiża fir-rigward tat-tħassir tal-mistoqsija u t-tweġiba indikata fl-eċċezzjonijiet magħmula; (c) u minflok tiċħad kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni eċċezzjonijiet ta' l-akkużat kif issollevati minnu b'mod illi t-tieni akkuża kif miġjuba tinżamm fit-

totalita` tagħha u kif miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' l-Akkuża; (d) il-mistoqsija u t-tweġiba indikati fit-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat ma jiġux imħassra u jitqiesu bħala ammissibbli fil-korp tal-istqarrija ta' l-akkużat kif ukoll waqt l-andament tal-ġuri u fl-atti skont il-liġi; filwaqt illi (e) tikkonfermaha fil-kumplament tagħha, u cioe` fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet li t-Tieni Kap mhuwiex null kif ukoll fejn m'ordnatx it-tneħħija ta' partijiet oħra ta' l-istqarrija ta' l-akkużat minħabba nuqqas ta' referenza speċifika.

**5.** Permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tieghu tal-11 ta' April 2013, Allan Galea eċċepixxa:

> "1. In-nullita` tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuża in kwantu l-arma deskritta mill-Avukat Ġenerali ma tinkwadrax fid-deskrizzjoni tar-reat kontemplat fl-artikolu 55 ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480);
>
> "2. L-inammissibilita` tas-segwenti domanda u risposta fl-istqarrija ta' l-esponent in kwantu l-prosekuzzjoni qed tipprova tagħmel inferenza mill-fatt li l-esponent tkellem ma' l-avukat meta tali inferenza ma hijiex ammissibbli:
>
> "'SP: Pero` aħna nirrealiżżaw imbagħad wara dan id-diskors eżatt inti tħallejt titkellem ma' l-avukat.
>
> "'AG: U anka anka ma' l-avukat qas naf x'qalli.'
>
> u ta' kwalsiasi inferenza oħra fl-istqarrija u fix-xiehda tal-pulizija."

**6.** Fis-sentenza taghha dwar dawn l-eċċezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

"**L-Ewwel Eċċezzjoni – Nullita` tat-Tieni Kap in kwantu l-arma ma tinkwadrax fl-artikolu 55 tal-Kap 480**

"Hemm qbil bejn Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-arma in kwistjoni hija **sikkina tal-kċina**.

"Il-kwistjoni ewlenija hija jekk 'sikkina tal-kċina' hijiex arma regolari.

"Fit-trattazzjoni saret referenza għall-artikolu 64 tal-Kap 9 li jgħid dan li ġej:

"'64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.'

"Minn eżami ta' dan l-artikolu il-kelma 'sikkina' ma tistax titqies bħala arma regolari għaliex is-sikkina mhix arma tan-nar u lanqas ma hija strument li l-għan ewlieni tagħha hu d-difiża jew għall-offiża ta' ħaddieħor. L-għan ewlieni tagħha huwa li tqatta' l-laħam, il-basal, u l-patata.

"Ġaladarba l-Avukat Ġenerali irrefera għal xi arma regolari jew munizzjoni fit-tieni u fit-tielet paragrafu tat-tieni Kap, jinħtieġ li jkun eżaminat l-artikolu 55 tal-Kap 480 biex ikun stabbilit jekk is-sikkina tal-kċina allegatament użata taqax taħt dan l-artikolu. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

"'Pussess ta' armi

tan-nar waqt l-għemil

ta' xi reat.

Kap. 9.

"55. Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' **armi tan-nar**, kull min -

(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta); jew

(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi **arma regolari jew munizzjon** jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.'

"L-istess Kap 480 jiddefinixxi arma tan-nar kif ġej:

"'arma tan-nar' tinkludi arma tan-nar tkun ta' liema għamla tkun u kull tip ieħor ta' pistola, azzarin jew kanun li minnha jista' jiġi sparat xi tir, balla jew missili, u l-kanna, il-kulatta u *receiver* tagħhom;

"'arma tan-nar awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull darba li jiġi sparat skartoċċ jew balla u li tista' tispara aktar minn tir wieħed meta l-grillu jinġibed darba waħda biss;

"'arma tan-nar b'ripetitur' tfisser arma tan-nar li wara li jkun sparat tir minnha tkun hekk iddisinjata biex terġa' tikkarga minn magazzin jew ċilindru billi ssir azzjoni kaġunata minn ċaqliq ta'l-id;

"'arma tan-nar li ma tiffunzjonax' tfisser arma tan-nar li tkun intgħamlet permanentement mhux tajba biex tintuża u li tkun ġiet ċertifikata bħala tali mill-Kummissarju kif stipulat f'dan l-Att;

"'arma tan-nar qasira' tfisser arma tan-nar b'kanna li ma tkunx aktar minn tletin ċentimetru twila jew li jkollha tul li b'kollox ma jgibx aktar minn sittin ċentimetru;

"'arma tan-nar semi-awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull meta jispara tir u li tista' tispara biss tir wieħed meta jinġibed il-grillu għal darba;

"'arma tan-nar ta' sparatura waħda' tfisser arma tan-nar li ma jkollhiex magazzin u li tiġi kkargata qabel kull sparatura billi jiġi ikkargat bl-idejn skartoċċ jew balla fir-rukkell jew mill-kulatta fuq wara tal-kanna;

"'arma tan-nar twila' tfisser arma tan-nar li jkollha kanna twila aktar minn tletin ċentimetru jew li jkollha tul li b'kollox ma jġibx aktar minn sittin ċentimetru;

Kap. 9.

"**<u>'armi regolari' għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu</u>**".

"Kif jidher mill-artikolu 55 tal-Kap 480, dan jitkellem speċifikatament dwar l-armi tan-nar jew armi regolari jew munizzjoni. 'Is-sikkina tal-kċina' la hija arma tan-nar, la munizzjon u lanqas arma regolari ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 9.

"Fil-fatt il-Kap 480 huwa prattikament iddedikat għall-armi tan-nar għaliex din l-espressjoni tinsab imxerrda prattikament mal-Att kollu.

"L-Att jirreferi għas-skieken fl-artikoli 6 u 7 kif jidher mir-referenza segwenti:

"'Liċenzja għall-ġarr ta' skieken.

"6. Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.'"

"'Eżenzjonijiet għall-artikolu 7.

"7. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:

(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;

(b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.'

"Minn dak li ntqal aktar 'il fuq, ġaladarba s-sikkina la hija arma tan-nar, la arma regolari u lanqas munizzjon, artikoli 55(a)(b) tal-Kap 480 u l-artikolu 64(1) tal-Kap 9 ma japplikawx.

"Li jista' japplika biss huwa xi dispożizzjoni li għandha x'taqsam mal-ġarr tas-skieken u mal-eċċezzjonijiet hemmhekk ikkontemplati.

"Għalhekk waqt li l-Qorti mhix qed tilqa' t-talba tal-akkużat sabiex it-Tieni Kap ikun ddikjarat null, qed tiddikjara li jsiru dawn it-tibdiliet fit-Tieni Kap:

“(i) mill-ewwel paragrafu għandhom ikunu kkanċellati l-kliem ‘meqjusa bħala arma regolari ai fini tal-liġi tagħna ……. fuq il-persuna tad-delitt fil-viċinanzi tal-istess vittma’

“(ii) mit-tieni paragrafu: dan irid jinbidel kollu biex jirrifletti dak li hemm fl-artikolu 6 tal-Kap 480;

“(iii) It-tielet paragrafu jrid jinbidel kollu biex il-pożizzjoni legali mfissra aktar ’il fuq tkun riflessa f’dan l-aħħar paragrafu tat-Tieni Kap.

“**Iżda minflok ikun aktar prattiku li jitneħħa t-tieni kap tal-akkuża għal kollox u jibqa’ t-tielet kap biss (li jsir it-Tieni Kap). Inkella ser ikun żewġ kapi li huma l-istess. Il-Qorti qed tiddeċiedi li għandu jibqa’ JEW il-Kap Tnejn (preżenti) bl-emendi JEW inkella jibqa’ t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap. Imma bl-ebda mod m’għandhom it-Tieni u t-Tielet Kap ikunu identiċi.**

“**It-tieni Eċċezzjoni: Inammissibilita` ta’ domanda u risposta fl-istqarrija.**

“Il-qofol ta’ din l-eċċezzjoni huwa li, waqt l-investigazzjoni, il-Pulizija m’għandhiex tagħmel inferenzi. Dawn huma regolati fl-artikolu 355AU tal-Kap 9:

“‘(1) Meta fi proċeduri kontra xi persuna għal xi reat, tingħata xhieda li l-akkużat –

(a) f’kull waqt qabel ma jkun ġie akkużat bir-reat, meta jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed jippruvaw jixkfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun għamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserraħ fuqu fid-difiża tiegħu f’dawk il-proċeduri; jew

(b) meta jkun qed jiġi akkużat bir-reat jew ikun qed jiġi uffiċjalment mgħarraf li jista’ jiġi mħarrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dan il-fatt,

li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu f’dak il-waqt l-imputat seta’ raġonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun ġie hekk interrogat, akkużat jew mgħarraf, skont il-każ, għandu japplika is-subartikolu (2) jekk jintwera li l-imputat kien irċieva parir legali qabel ma jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf kif hawn aktar qabel imsemmi.

“(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika –

(a) Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti istruttorja li tkun qed tagħmel deċiżjoni taħt l-artikolu 401(2),

(b) il-qorti jew il-ġuri, meta jkunu qed jiddeċiedu jekk persuna akkużata jew imputata tkunx ħatja tar-reat li bih tkun ġiet akkużata,

tista’ tagħmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bħalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux jitqiesu waħidihom bħala prova ta’ ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal korroborazzjoni ta’ kull xhieda ta’ ħtija tal-persuna akkużata jew imputata.’

“Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li l-inferenzi hemm ħin ieħor għalihom u mhux waqt l-interrogazzjoni.

“Id-difiża qed tqis din bħala ‘inferenza’. Il-Qorti aktar tikklassifika dawn il-kummenti li jidhru fit-tieni eċċezzjoni bħala kuntrast bejn dak li kien qed jgħid fl-istqarrija l-akkużat u x’kien qal lill-Pulizija qabel ma dawn ħadu l-istqarrija bil-miktub u wara li kien ikkonsulta avukat.

“M’hemm ebda dubju li skont l-artikolu 658 tal-Kap 9:

"'Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha.'

"Iżda l-Qorti qed tagħmel differenza bejn li xhud jitla' jixhed (kemm jekk fil-korp tal-Pulizija u kemm jekk le) u jgħid x'qal l-akkużat jew imputat u referenzi rekordjati għal xi komunikazzjoni bejn l-akkużat u l-avukat tiegħu.

"Matul l-istqarrija l-uffiċjal li jkun qed jinterroga lis-suspettat għandu joqgħod lura kemm jista' jkun milli ssir xi referenza għal xi telefonata jew konverżazzjoni li ssir bejn l-avukat u s-suspettat ħlief jekk is-suspettat iqajjem xi kwistjoni li hu ma ngħatax aċċess għall-avukat jew għal xi raġuni oħra straordinarja. Imma m'għandux ikun hemm referenzi għal xi kuntrasti bejn dak li ntqal mill-akkużat jew imputat qabel ma dan kellem lill-avukat u wara.

"Għalhekk qed tilqa' din it-tieni eċċezzjoni limitatament għall-bran li rrefera għalih l-akkużat u qed tordna li l-kliem minn 'Sp: Pero` …... qas naf x'qalli' ma jidhirx fl-istqarrija li tingħata lill-ġurati.

"Id-difiża talbet ukoll li 'titneħħa kwalsiasi referenza oħra fl-istqarrija.'

"Lill-Qorti ma kienet indikata speċifikament l-ebda referenza oħra min-naħa tad-difiża. Fl-assenza ta' indikazzjoni ċara, din il-parti tal-eċċezzjoni mhix qed tintlaqa'."

**7.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis l-ewwel aggravju ta' l-akkużat u l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali. L-akkużat jibqa' jinsisti li t-Tieni Kap għandu jiġi annullat filwaqt illi l-Avukat Ġenerali jinsisti illi għandu jibqa' bla mittiefes.

**8.** Permezz tat-Tieni Kap, l-Avukat Ġenerali akkuża lil Allan Galea bi ksur ta' l-artikolu 55(a)(b) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -
>
> (a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta); jew
>
> (b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,
>
> ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu."

**9.** "Armi regolari" huma definiti mill-artikolu 2 tal-Kap. 480 bħala li għandhom ikollhom "l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu".

**10.** L-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> "(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

> "(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari."

**11.** Hemm qbil li l-arma tad-delitt f'dan il-każ kienet sikkina tal-kċina. L-Avukat Ġenerali jippretendi illi fil-każ odjern dik is-sikkina "ħadet ix-xejra ta' arma regolari peress illi għal dak il-ħin inkluż il-ħin li kienet qed tinġarr, kellha bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor." Din il-Qorti ma tikkondividix dan il-ħsieb ta' l-Avukat Ġenerali peress illi l-liġi tikkonsidra bħala arma regolari dawk l-armi li fin-natura tagħhom stess huma ntiżi għad-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor. Sikkina li l-iskop prinċipali tagħha huwa, bħalma qalet l-ewwel Qorti, "li tqatta' l-laħam, il-basal u l-patata", ma ssirx "arma regolari" għax tintuża biex jiġi kommess delitt, iżda titqies bħala "arma irregolari". Għalhekk l-akkużat ma setax jiġi akkużat bi ksur ta' l-artikolu 55(a)(b) tal-Kap. 480.

**12.** Wara li l-ewwel Qorti korrettement waslet għal din il-konklużjoni, hija xorta ma laqgħetx it-talba ta' l-akkużat sabiex it-Tieni Kap jiġi dikjarat null, u ordnat li jsiru xi tibdiliet fit-Tieni Kap biex l-akkuża tirrifletti dak li jipprovdi l-artikolu 6 tal-Kap. 480. Iżda permezz tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat ġie akkużat eżattament bi ksur ta' dan l-artikolu 6. Dan osservatu l-ewwel Qorti u kkonkludiet **"li għandu jibqa' JEW il-Kap Tnejn (preżenti) bl-emendi JEW inkella jibqa' t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap. Imma bl-ebda mod m'għandhom it-Tieni u t-Tielet Kap ikunu identiċi."**

**13.** L-ewwel Qorti, pero`, kellha tiddeċiedi, kif sejra tiddeċiedi din il-Qorti, billi hi stess tħassar għal kollox it-Tieni Kap u tordna illi t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap.

**14.** It-tieni aggravju ta' l-akkużat kif ukoll ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwardaw id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti rigwardanti t-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat. Skont l-akkużat, l-ewwel Qorti kellha tilqa' din l-eċċezzjoni mingħajr riżervi. Huwa jgħid:

> "Illi bil-frażi 'kwalsiasi inferenza oħra fl-istqarrija u fix-xiehda tal-pulizija' l-esponent kien qed jirreferi għal inferenzi oħra li setgħu jirriżultaw fl-istqarrija. L-esponent qiegħed jagħmel referenza speċifika għas-segwenti bran:

> *" 'SP: Ara ninsew li fil-verita` inti dan il-kliem ghidtuli vera l-bieraħ imbagħad biddilt il-verżjoni wara li kkonsultajt l-avukat li wara kollox kellek dritt tagħmilha. Veru dan?'*

> "Illi l-esponent kien qiegħed jirreferi wkoll għal kwalsiasi referenza li tista' talvolta ssir għall-inferenzi simili fix-xiehda  tal-Pulizija waqt is-smigħ tal-ġuri."

**15.** Skont l-Avukat Ġenerali, "kemm minħabba n-natura tal-mistoqsija u ċ-ċirkostanzi kif din waslet biex tingħata u r-risposta li seta' ħareġ biha l-akkużat kif ukoll ... sakemm id-drittijiet tal-akkużat qed jiġu protetti, m'hemm assolutament l-ebda mistoqsija li ssir minn min qed jinterroga suspettat jew persuna arrestata li tista' tiġi prekluża skont il-liġi. Inoltre r-regola tal-inferenza ma tistax tiġi applikata b'dan il-mod lanqas u dan peress li effettivament l-akkużat wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu iżda kien qed jiġi kkonfrontat b'informazzjoni oħra li hu stess kien stqarr mal-pulizija fil-mument tal-arrest tiegħu."

**16.** Din il-Qorti tosserva l-ewwel nett illi l-inferenzi li dwarhom jitkellem l-artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali huma inferenzi min-nuqqas ta' l-akkużat li jsemmi xi fatt li huwa jserraħ fuqu fid-difiża tiegħu, u li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu fil-waqtijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 355AU huwa seta' raġonevolment jkun mistenni li jsemmi meta jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf li jista' jiġi mħarrek. Dan ma huwiex il-każ fl-appell odjern. Effettivament il-vertenza tirrisolvi ruħha fi kwistjoni ta' ammissibilita` ta' l-istqarrija ta' l-akkużat kif inhi jew bit-tħassir tal-partijiet li minnhom jilmenta l-akkużat.

**17.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** mogħtija minn din il-Qorti kif komposta fit-2 ta' Mejju 2013 dwar ċirkostanzi fejn l-akkużat ma kellux l-assistenza ta' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija, intqal hekk:

> **"17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud."**

**18.** Dak li ntqal f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern fejn addirittura, kuntrarjament għal dak li ġara fil-każ involut f'dik is-sentenza, l-akkużat ingħata l-assistenza ta' avukat qabel ġie interrogat mill-pulizija. Inoltre, dwar dak li l-akkużat seta' qal qabel ma ngħata tali assistenza, wieħed irid jara f'liema ċirkostanzi jkun qalhom u jekk qalhomx wara li jkun diġa` ngħata l-*caution* u ġie avżat illi kellu d-dritt jikkonsulta avukat, u x'setgħet kienet ir-reazzjoni tiegħu għal dan, per eżempju jekk nonostante li ġie nfurmat bid-dritt tiegħu li jikkonsulta avukat huwa xorta waħda insista li jitkellem <u>qabel</u> ma jikkonsulta avukat. Dawn huma ċirkostanzi illi jiffurmaw parti mill-entita` ta' provi li jridu jinġabu mill-prosekuzzjoni. Huma ċirkostanzi li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni mill-imħallfin tal-fatt. Konsegwentement hija l-fehma ta' din il-Qorti illi mill-istqarrija ta' l-akkużat ma għandha titħassar l-ebda parti.

**19.** Għal dawn il-motivi tipprovdi dwar l-appell ta’ l-akkuzat u dak ta’ l-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ddeċidiet “**li għandu jibqa’ JEW il-Kap Tnejn (preżenti) bl-emendi JEW inkella jibqa’ t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap. Imma bl-ebda mod m’għandhom it-Tieni u t-Tielet Kap ikunu identiċi”** u minflok tiddeċiedi billi tordna t-tħassir tat-Tieni Kap u li t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap; tirrevokaha wkoll in kwantu laqgħet in parti t-tieni eċċezzjoni ta’ l-akkużat u minflok tiċħad *in toto* t-tieni eċċezzjoni ta’ l-akkużat; u tikkonfermaha fil-bqija. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta’ l-akkużat Allan Galea.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------